MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 51/2012/1

**Anthony Bezzina**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell maghmul mir-rikorrent minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fid-19 ta' Gunju 2013, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

**2.** Fir-rikors promotur, ir-rikorrent talab lil dik il-Qorti sabiex: tiddikjara null l-Artikolu 422 [1] tal-Kodici Kriminali stante li huwa leziv tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja; tannulla d-digriet moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Mejju 2012, u s-sentenza konsegwenzjali moghtija fit-28 tal-istess xahar; tirrientigra lir-rikorrent fl-i*status quo* anke sabiex jigi trattat mill-gdid l-appell tieghu.

**3.** Fir-rikors tal-appell tieghu r-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata, u konsegwentement tilqa' t-talbiet tar-rikorrent taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

**4.** Fir-risposta tieghu, l-intimat qed jitlob li, ghar-ragunijiet indikati fl-istess risposta, din il-Qorti tichad l-appell tar-rikorrent, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess rikorrent, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata.

**<u>Il-Fatti</u>**

**5.** Dawn jinsabu sufficjentement delineati fis-sentenza appellata, u ghalhekk din il-Qorti ser tirriproduci l-parti relevanti.

"Il-fatti ppruvati li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Ir-rikorrenti kein intavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kontra sentenza ta' prigunerija imposta fuqu. Dan l-appell gie appuntat ghad-9 ta' Mejju 2012 pero billi r-rikorrenti ma kienx notifikat bl-avviz tas-smigh, l-appell gie differit ghat-23 ta' Mejju. Mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti gie notifikat fil-15 ta' Mejju 2012.

"Fit-23 ta' Mejju 2012, l-appell issejjah u r-rikorrenti ma dehrx u skond l-artikolu 421 tal-Kap. 9, l-appell tieghu waqa' desert.
"Ir-rikorrenti fir-rikors datat 8 ta' Gunju 2012 ghar-riappuntament tal-appell a bazi tal-artikolu 421(1) tal-Kap. 9 ipprezenta dikjarazzjoni guramentata fejn qal li hu kien mar il-Qorti fil-gurnata tal-appuntament pero ma kienx jaf l-isem tal-Imhallef li ma kinitx tidher fuq il-karta li rceva.

Qabel din id-data ma marx ikellem lil avukat tieghu. Zied li kellu problem ta’ mobilita minhabba operazzjoni li ghamel sena qabel u kien ikun mugugh hafna. Hu serrah rasu li ser jara lill-avukat fil-Qorti izda ma sehhx u ma qabdux bit-telephone avolja pprova jcempillu. Hu baqa’ jistenna sal-12.30pm pero ma setax joqghod idur minhabba problem ta’ mobilita. Haseb li kellu data hazina u billi kien mugugh u ma kienx jaf min kien l-Imhallef, mar id-dar. Sar jaf b’dak li sehh il-Qorti meta gie nfurmat fil-5 ta’ Gunju li s-sentenza tieghu kienet gie konfermata.

“Din id-dikjarazzjoni tikkontrasta max-xiehda tar-rikorrenti quddiem il-Qorti fis-seduta tal-10 ta’ April 2013. Hu jibda billi jghid li ma rceviex karta tal-appell, u illi l-Qorti ma setax jitla’ ghax ma setax jimxi u kieku kellu l-appell u kien jaf kien jipprezenta certifikat mediku. Sar jaf bis-sentenza tal-Qorti ghax cempillu l-ispettur u qallu ser jarrestah ghax tilef il-kawza. Cempel lil avukat mhux hafna granet wara biex jara x’ser jaghmillu u l-avukat qallu lil ser jaghmel rikors pero dan ma sarx mill-ewwel ghax lanqas kien Malta izda Ghawdex jew band’ohra. Ir-rikors ma giex milqugh ghax gie pprezentat xi gurnata tard. Wara saret il-kawza kostituzzjonali.”

**Is-Sentenza Appellata**

**6.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ir-rikorrenti qed jilmenta li ma kellux smigh xieraq ghax il-principju tal-audi alteram partem gie lez meta l-Qorti ppronuncjat l-appell tar-rikorrenti bhala desert.

“Qari tar-rikors ta’ Anthony Bezzina u l-fatti li rrizultaw ma jindikawx precizament fejn sehhet din il-lezjoni. Ir-rikorrenti jsostni li l-artikolu 422(1) hu lesiv tad-dritt tieghu ta’ smigh xieraq. Dan l-artikolu jiddisponi illi fejn appellant ma jidhirx l-appell tieghu jitqies abbandunat. Ovvjament din il-parti tal-artikolu mhix applikabbli jekk l-appellant ma giex notifikat bid-data u hin tal-appell. F’dan il-kaz l-appellant gie notifikat personalment bl-avviz tas-smigh tal-appell bid-data u hin tal-appell. Ir-rikorrenti jsostni li ma

kienx jaf isem l-Imhallef u fil-fatt l-avviz tas-smigh ma fihx l-isem shih izda l-inizjali tal-Imhallef. Pero dan ma hu ta' ebda ostakolu ghall-access ghall-awla tal-Qorti billi l-istess appellant seta' staqsa r-reception desk kif tidhol fil-Qorti jew ra fuq l-iscreens tal-Qorti fejn hi l-awla tal-appelli kriminali.
"Pero dak li jikkonfondi lil Qorti hu illi r-rikorrenti jaghti verzjoni wahda fid-dikjarazzjoni guramentata u ohra differenti quddiem il-Qorti. Id-diskrepanzi serji principali huma li fir-rikors promotur ighid li rceva l-avviz tas-smigh u li mar il-Qorti filwaqt li quddiem il-Qorti jixhed li ma rceviex avviz tas-smigh u ma marx il-Qorti.

"Il-principji legali ma jigux applikati fl-astratt tant biex jigi enuncjat il-principju izda jrid ikun relatat, u konness ma' fatt mhux disputat li jaghti lok ghal lezjoni tad-dritt, f'dan il-kaz wiehed ta' dritt fondamentali. Il-fatt car u univoku li jaghti lok ghal lezjoni jrid jigi pruvat mill-persuna li qed tallega l-lezjoni bhala l-bazi tal-azzjoni. F'dan il-kaz l-istess rikorrenti sa mill-bidu tal-prova li jrid jaghmel jikkontraduci lilu nnifsu.

"Pero dan mhux kollox. Il-Qorti tqis bhala inverosimili l-verzjoni tar-rikorrenti quddiem il-Qorti peress illi irrizulta ppruvat illi hu rceva l-avviz tas-smigh mid-dokument AG4 u AG5 a fol. 18 u 19 tal-process. Kwindi l-Qorti tqis aktar verosimili l-fatti kif riportati fid-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti annessa mar-rikors promotur milli x-xiehda kemmxejn konfuza moghtija mir-rikorrenti quddiem il-Qorti.

"Il-ligi taghti lok ghal smigh xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali billi kull parti jkollha l-opportunita li tinstema', kif l-avviz tas-smigh kien jindika. Sta ghal kull parti specjalment l-appellant li jinforma lill-avukat tieghu bid-data u hin tal-appell. Pero aktar minn hekk, l-obbligu jaqa' fuq l-appellant li jattendi quddiem il-Qorti ghas-seduta fid-data u hin indikati. Hemm rimedji jekk ikun indispost, rimedji li ma ttiehdux qabel is-seduta billi l-appellant fil-proceduri kriminali mar il-Qorti. Ir-rikorrenti kellu tmint ijiem bejn in-notifika tal-avviz tas-smigh u d-data tal-appell biex jinforma lill-avukat tieghu pero ex

admissis, dan ma ghamlux minghajr ma offra spjegazzjoni jew skuzanti ghal dan. Ma jistax ghalhekk ir-rikorrenti jitfa' n-nuqqas tieghu fuq xi nuqqas fl-avviz bhal fatt li isem l-Imhallef ma kienx car. Kieku ikkuntattja lill-avukat kif kellu ampja opportunita li jaghmel, ma kienx ikun fil-pozizzjoni deskritta minnu li ma jafx f'liema awla kellu jirrikorri. Din hi skuza u agir negligent da parti ta' persuna li gia kienet il-Qorti, jekk xejn in konnessjoni mal-istess akkuza u ghalhekk seta' kieku ried, anki bla assistenza tal-avukat, isaqsi lir-reception desk f'liema awla kellu jmur. Daqstant iehor mhix skuzanti li kien mugugh u ma setax joqghod idur ifittex lill-avukat fil-Qorti meta kieku ried u jekk kien daqshekk indispost seta' ha l-izbriga li jcempel lil avukat fl-intervall bejn in-notifika tal-avviz tas-smigh u d-data tal-appell u jinfurmah li kien indispost u l-avukat jipprezenta r-rikors opportun bid-dokumenti medici rilevanti. Pero anki hawn ir-rikorrenti ma ghamel xejn u lanqas f'din l-istanza ma gew prezentati xi certifikati medici dwar l-istat tas-sahha tieghu f'dak il-waqt, peress illi quddiem din il-Qorti r-rikorrenti ma wera ebda inkapacita ta' mobilita.

"Anki jekk ghal grazzja tal-argument wiehed kellu jinsa x'sehh sad-data tad-dezerzjoni, hu inaccettabbli li r-rikorrenti li jaf li kellu data u hin ta' appell (ghax in-notifika tas-smigh tal-appell ma gietx michuda f'dawn il-proceduri) li ma attendiex ghalih jitratta s-sitwazzjoni b'leggerezza u ighid li ma ghamel xejn wara li telaq mill-Qorti sakemm il-pulizija informatu li l-appell mar desert, u dan meta skond hu fil-5 ta' Gunju 2012 il-pulizija ezekuttiva informatu b'dan.

"Din twassal ghal kwistjoni odjerna. Il-ligi taghti l-opportunita lill-appellant li anki jekk l-appell imur desert, jinghata l-opportunita li jiggustifika ruhu entro erbat ijiem biex l-appell jerga' jissejjah. Ir-rikorrenti qed jattakka din il-parti tal-artikolu u donnu qed isostni li t-terminu ta' erbat ijiem moghtija mill-ligi biex persuna tirrattifika sitwazzjoni kontriha fiha nfisha tmur kontra d-dritt fondamentali tieghu ta' smigh xieraq. Dan ma jaghmilx sens. Il-ligi stess tipprotegi lill-individwu kolpit b'dezerzjoni li jiggustifika ruhu. Il-Qorti ma tara ebda lezjoni anzi protezzjoni tal-individwu. Il-ligi pero ma tistax tippremja in non kuranza,

in-negligenza, u l-inerzja ta' persuna li avzata b'data ta' smigh ma tiehux dawk il-passi kollha biex tidher quddiem il-Qorti u f'kaz li ghandha raguni valida biex ma tattendix tinforma lil avukat taghha biex jidderigiha.

“Qatt ma jista' jkollok cahda ta' dritt meta l-ligi taghtik hi stess l-ghodda sabiex tfittex ‘redress' effikaci, prattiku, u li jpoggi lill-individwu fl-istess pozizzjoni li kien qabel ma sehh il-fatt li seta' kien ingustifikat fil-konfront tieghu. Zgur li r-rikorrenti mhux jippretendi li ghandu dritt ma jattendix ghal seduta tal-Qorti u imbaghad jiggustifika ruhu ghan-nuqqas meta jrid hu. L-iskop tal-ligi hu li jkun hemm konformita u kjarezza fir-regoli ta' procedura u li hadd kemm mill-awtoritajiet u kemm minn dawk kolpiti minnhom ma jabbuzawx jew juzaw diskrezzjoni li tista' ssarraf f'ingustizzja li twassal ghal ksur ta' xi dritt fondamentali tal-individwu.

“F'dan il-kaz l-attidudni leggera tar-rikorrenti fil-mod kif hares l-interessi tieghu ma tistax issib rimedju billi jipprova iwaqqa' l-ligi li del resto fiha nfisha tipproteggih f'dak li jghid l-artikolu 422(1).

“Lanqas jista' jinghad illi z-zmien moghti lil persuna li tutilizza r-rikors biex l-appell jitqieghed mill-gdid ghas-smigh ai termini tal-artikolu 422(1) hu irragonevoli jew jilledi d-dritt tal-persuna ghal smigh xieraq. It-terminu ta' erbat ijiem hu zmien utili bizzejjed biex persuna tressaq it-talba taghha quddiem il-Qorti a bazi ta' dak l-artikolu u b'hekk jigi evitat li d-decizjoni kontrih issir res judicata. Il-ligi stess ghalhekk tipprovdi salvagwardja adegwata biex il-parti jkollha l-opportunita li tinstema' quddiem il-Qorti jekk ghal xi raguni mhux maghruf ghal Qorti fid-data tas-smigh tal-appell, din il-parti tkun naqset li tattendi. F'dan il-kaz partikolari ma kien hemm xejn li jzomm lir-rikorrenti milli juzufruixxi ruhu minn dan it-terminu u n-nuqqas tieghu li jiehu kwalsiasi azzjoni wara d-data notifikata lilu tas-smigh tal-appell hi attribwibbli biss ghall-inerzja inskuzabbli tieghu u mhux ghad-dritt moghti lilu mill-ligi li ma gharafx jutilizza. It-terminu fih innifsu jikkostitwixxi rimedju tangibbli bi procedura accessibbli u applikabbli fi zmien li ma jistax jitqies qasir li johnoq ir-rimedju. Ir-

rikorrenti kif inghad lanqas jispjega kif dan l-artikolu tal-ligi u senjatament liema parti tieghu jilledi d-dritt tieghu ghal smigh xieraq billi l-artikolu hu salvagwardja intiza ghal tali protezzjoni fl-interess tieghu stess. Wara kollox il-garanzija tal-artikolu 6 huma intizi ghal dritt ta’ access effettiv ghal Qorti u equality of arms u illi d-drittijiet bazici 6(3) ma jidhrix li gewmittiefsa b’dan il-provvediment tal-ligi kriminali. Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Muscat vs Malta**, deciza fis-17 ta’ Lulju 2012 fejn il-principji li jirregolaw ligijiet ta’ procedura gew ezaminati partikolarment fil-paragrafi 42 sa 45 tal-istess sentenza u li din il-Qorti jidhirlha li huma applikabbli ghal dan il-kaz u jikkonfermaw il-konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti li jwassluha ghad-decizjoni taghha.”

## <u>L-Appell</u>

**7.** Fis-sustanza l-aggravju tar-rikorrent huwa fis-sens li l-Artikolu 422 [1] tal-Kodici Kriminali huwa null ghax jilledi d-dritt ta’ smigh xieraq inkwantu huwa vjolattiv tal-principju kardinali ta’ *audi alteram partem*, u dan ghar-ragunijiet segwenti: [1] li t-terminu ta’ erbat ijiem koncess mil-ligi huwa qasir wisq, u li huwa perentorju b’mod li jekk jithalla jiskadi inutilment l-appellant jitlef l-opportunita` li taghtih il-ligi ghar-riappuntament u smigh tal-appell tieghu li jkun marlu dezert; [2] li l-ligi ma tezigix li fl-avviz tas-smigh ikun hemm avviz li jindika d-dritt li l-ligi taghti lill-appellant li jitlob li l-appell tieghu jerga’ jigi riappuntat. Ghalhekk isostni li l-imsemmi artikolu ma jaghtix garanziji bizzejjed biex jigi salvagwardat id-dritt fundamentali ta’ smigh xieraq skolpit kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**8.** Huwa jghid li *“ghandu jkun obbligu fuq l-iStat li jinforma lil min ikun li l-appell tieghu gie dijkarat dezert u li ghandu l-opportunita` ta’ erbat ijiem sabiex jitkellem ma’ avukat u dan jidderigi lit-tali. Dan l-obbligu ma jemanix minn dan l-artikolu u huwa proprju dan ukoll parti mil-lanjanza tal-appellant.”* Jghid li ghandu jkun hemm bilanc bejn l-interessi tal-iStat u l-individwu, u l-fatt li ma hemmx l-obbligu da parti tal-iStat li jinforma lill-appellant b’dan id-

dritt tieghu jikkrea sitwazzjoni fejn *"l-artikolu in kwistjoni xaqleb aktar favur l-interessi tal-iStat."*

**9.** Fir-rigward ir-rikorrent jaghmel analogija mad-dispost tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jezigi *ad validitatem* li fl-ittra ufficjali jkun hemm it-twissija indikata fl-istess artikolu. Jghid li, minkejja l-principju *injorantia juris non excusat*, il-ligi f'dak l-artikolu xorta wahda hasset li ghandu jkun hemm tali avviz fl-ittra ufficjali.

**10.** Jghid li, fil-kaz in dizamina l-artikolu precitat *"donnu, tacitament, juri li l-appellant kellu jkun jaf li kellu jikkomunika ma' avukat sabiex f'erbat ijiem dan ihejji rikors appozitu"*, u b'mod retoriku jsaqsi: *"Kif qatt jista' jigi gustifikat li l-appellant, li ghandu sentenza kriminali sospiza fuq rasu jkun jaf b'din il-procedura?"*

**11.** Huwa jiccita bran mill-*concurring opinion* tal-Imhallef Valticos fil-kawza **R.M.D v. Switzerland**[1] moghtija fis-26 ta' Settembru 1997 li jghid: *"Certainly ignorance of the law is no excuse. But, it must also be said that no one can be expected to do the impossible, and what is impossible must, in cases such as this one, cover conditions that are too onerous because of the shortness of the time-limits."*

## <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

**12.** Illi l-artikolu tal-ligi li tieghu r-rikorrent qed jitlob id-dikjarazzjoni ta' nullita` fuq il-bazi li huwa leziv tal-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citata huwa l-Artikolu 422 [1] tal-Kodici Kriminali li jaqra hekk:

"[1] Jekk, f'jum tas-smigh tal-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tieghu jinghadd dezert u s-sentenza appellata tigi esegwita; imma fuq rikors tal-appellant, ipprezentat fi zmien erbat ijiem mill-gurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni mahlufa mill-istess appellant quddiem ir-registratur li, minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volonta tieghu, fir-rikors imsemmija

[1] Appl.19800/92

espressament, hu ma setax jidher fil-gurnata fuq imsemmija, il-Qorti taghti gurnata ohra ghas-smigh tal-appell, u, f'dan il-kaz, jghoddu d-dispozizzjonijiet tas-subartikoli [1] u [2] tal-ahhar artikolu qabel dan."

**13.** In tema legali din il-Qorti tosserva li din il-Qorti kif ukoll il-Qorti Ewropeja ddentifikat is-segwenti principji relevanti ghall-kaz in dizamina:

**13.1** Il-principju tal-*equality of arms* ma jfissirx li parti tista', l-ewwel tinjora r-regoli ta' procedura, u mbaghad tistieden lill-Qorti li, minkejja dan tmur kontra dawn l-istess regoli. Dan il-principju jfisser li kull parti ghandha tinghata opportunita` indaqs li tressaq il-kawza taghha; izda dan ma jfissirx li parti tista' tagixxi in oltragg ghar-regola tal-procedura u xorta tippretendi l-indulgenza tal-Qorti biex tressaq il-provi taghha fil-kumdita` taghha. Id-dritt tas-smigh xieraq hu koncess fit-termini tar-regoli tal-ligijiet tal-procedura, u jekk dawn jigu njorati mill-parti, ghal xi nuqqas, *imputet sibi*. Mhijiex skuza li parti ma uzufruwietx mill-opportunitajiet moghtija lilha ghax l-Avukat taghha kien impenjat f'xoghol iehor [vide PA [SK] **Anthony Mintoff v. Avukat Generali**, deciza 7 Lulju 2004, u kazistika hemm citata][2];

**13.2** *"The Court reiterates that the principle of equality of arms – which is one of the elements of the broader concept of fair trial – requires each party to be given a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-à-vis his or her opponent." (see, among other authorities,* ***GB v. France****, no.44069/98, ECHR 2001-X) [ECHR* ***C.B v Austria****, deciza 4 April 2013, Appl.30465/06 – para.37].*

**13.3** *"44. The rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with, in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the principle of legal certainty. That being so, the rules in*

[2] Konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Marzu 2005

*question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy (see Miragall Escolono and* ***Others v. Spain****, nos. 38366/97...). However, those concerned must expect those rules to be applied [see,* ***Nakov v. the Former Yugoslav Republic of Macedonia*** *no.68286/01, 24 October 2002]. It is incumbent on the interested party to display special dilgence in the defence of his interests.*[3]*"* [see **Teuschler v. Germany** (dec) no. 47636/99, 4th October 2001, and **Sukhorubchenko v. Russia** no. 69315/01 paras.41-43, 10 February 2005) [ECHR **Muscat v. Malta** Appl.24197/20, deciza 17 Lulju 2012].

**13.4** "*59. Bearing in mind that it is incumbent on the interested party to display special diligence in the defence of his interests, and that in the present case the applicant did not follow his case conscientiously or maintain contact with his nominated representatives, the Court concludes that the applicant has at his disposal a potentially effective legal representation which he failed to make use of."* [**Muscat v. Malta**, supra].

**13.5** "… ma hemmx dubju, fil-fehma ta' din il-Qorti li l-Artikolu 422[1] tal-Kap.9 ghandu ghan legittimu – cioe` li ma jhallix sospizi u inezegwibbli sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati [bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali] meta l-appellant jonqos milli jidher ghas-smigh tal-appell f'cirkostanzi meta huwa seta' hekk jidher – fi kliem iehor, huwa ma jkunx deher minhabba xi nuqqas attribwibbli lilu, u mhux *"minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volonta tieghu."* ... ... .... Anqas ma jista' jinghad li hemm xi sproporzjon bejn il-mezz adoperat – id-dikjarazzjoni ta' dezerzjoni u l-ezegwibbilita` immedjata tas-sentenza – u l-ghan li jrid jinthalaq, cioe` li s-sentenzi ma jibqghux sospizi fil-limbu, u dan aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li, f'kaz li jkun hemm raguni valida ghal wiehed ma jistax jidher [cioe` mard jew raguni ohra indipendenti mill-volonta` tieghu] huwa jista' jgib dan il-fatt a konjizzjoni tal-Qorti fi zmien erbat ijiem u jwettaq dak li

[3] Sottolinear ta' din il-Qorti

jallega bil-gurament tieghu...[Q.Kos. **Patrick Mangion v. Avukat Generali,** deciza 27 Jannar 2006].

**14.** Fil-mertu din il-Qorti tosserva li, kif senjalat mill-ewwel Qorti u kif jirrizulta b'mod lampanti mill-atti processwali, ir-rikorrenti jaghti zewg verzjonijiet kontrastanti ta' dak li verament gara fid-data tat-23 ta' Mejju 2010 li fiha kellu jinstema' l-appell tieghu u b'liema data huwa kien gie personalment notifikat fil-15 ta' Mejju tal-istess sena.

**15.** Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, annessa mar-rikors tat-8 ta' Gunju 2010 li permezz tieghu huwa talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali terga' tappunta l-kaz tieghu, il-konvenut ikkonferma bil-gurament li dakinhar huwa ma kienx cempel lill-avukat tieghu biex jinformah bid-data tas-smigh tal-appell tieghu, u mar il-Qorti bil-hsieb li jfittex u jsibu hemm. Izda, minkejja li dam ifittxu sal-12.30 pm huwa ma sabux, u minkejja li kien ukoll ipprova jaghmel kuntatt mieghu bit-telefon, ma rnexxielux jikkomunika mieghu. Jghid ukoll li, peress li fuq l-avviz tas-smigh ma kienx hemm l-isem tal-Imhallef [ghalkemm kien hemm l-inizjali tieghu] li kellu jisma' l-appell, u peress li kien bil-krozzi u kien mugugh, telaq mill-edifizju tal-Qorti.

**16.** Fil-5 ta' Gunju 2010 huwa kien gie nformat mill-pulizija li s-sentenza sospiza kienet dahlet fis-sehh, peress li l-appell tieghu kien mar dezert, u s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kienet saret definittiva. Ghalhekk fit-8 ta' Gunju 2010 huwa, wara li kkomunika mal-avukat tieghu, ipprezenta r-rikors fuq indikat.

**17.** Izda, fid-depozizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri, quddiem l-ewwel Qorti, ir-rikorrent biddel il-verzjoni tieghu, u sostna li ma kienx minnu li hu kien attenda dakinhar fit-23 ta' Mejju 2010, u li ma kienx attenda peress li ma kienx jaf li l-appell tieghu kellu jinstema' dakinhar.

**18.** L-ewwel Qorti, li quddiemha xehed ir-rikorrent, ma emmnitx dak li hu xehed *viva voce* quddiemha, u minflok, tenut kont tar-riferta pozittiva ghan-notifika tieghu bl-avviz tas-smigh, qieset bhala veritiera l-verzjoni moghtija minnu

fid-dikjarazzjoni guramentata, u cioe` li dakinhar li kellu jinstema’ l-appell, hu kien prezenti fl-edifizju tal-Qorti.

**19.** Jigi ribadit li din il-Qorti, bhala Qorti ta’ revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, jekk ma jirrizultax li sar zball manifest li jwassal sabiex parti jew ohra ssofri ingustizzja. F’dan il-kaz, dan japplika b’aktar qawwa tenut kont li r-rikorrent xehed quddiem l-ewwel Qorti *viva voce*, u ghalhekk, dik il-Qorti kienet fl-ahjar pozizzjoni li tiddetermina liema verzjoni moghtija mir-rikorrent ghandha titqies bhala veritiera; u din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti, u tiddipartixxi mill-konkluzjoni li waslet ghaliha.

**20.** Ferm il-premess, issa din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina t-talbiet tar-rikorrent, u cioe` jekk l-artikolu *de quo* verament jilledix id-dritt fundamentali ghal smigh xieraq, kif ukoll jekk bl-applikazzjoni tieghu, fil-kaz tar-rikorrent sehhitx lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq.

**21.** Rigward l-ewwel talba, u cioe` jekk l-Artikolu 422 [1], kemm minhabba li z-zmien ta’ erbat ijiem moghti lill-appellant sabiex jitlob lill-Qorti tal-Appell Kriminali tirriappunta l-appell ghas-smigh wara li kien mar dezert huwa qasir, u wkoll jekk in-nuqqas fl-avviz ta’ smigh ta indikazzjoni tad-drittijiet li ghandu l-appellant naxxenti mill-artikolu inkwistjoni, jirrendux dak l-artikolu inkompatibbli kemm mal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

**22.** Fl-ewwel lok, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak gja` deciz minnha fil-kawza **Patrick Mangion**, fejn gie spjegat li l-Artikolu 422 [1] ma jaghtix lok ghal lezjoni tad-dritt tas-smigh xieraq, izda ghal kuntrarju jaghti opportunita` ohra lill-appellant, li l-appell tieghu jkun marlu dezert, billi jaghmel talba b’rikors ghar-riapppuntament quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u jiggustifika l-assenza tieghu ghas-smigh tal-appell. Ghalhekk l-effetti

legali tal-imsemmi artikolu mhumiex lezjoni ta' dritt fundamentali ta' smigh xieraq, izda protezzjoni ohra ghal dan id-dritt.

**23.** Din il-Qorti hi tal-fehema li l-perjodu ta' erbat ijiem huwa sufficjenti sabiex l-appellant jikkomunika u jikkonsulta mal-avukat tieghu, jew anke *del resto* ma' kwalunkwe avukat iehor, biex jezercita` d-dritt li taghtih il-ligi. Wara kollox kull ma jehtieg li jikkontjeni rikors bazat fuq dan l-artikolu huwa li tinghata spjegazzjoni konfermata bil-gurament tal-assenza tal-appellant ghas-seduta li fiha l-appell tieghu marlu dezert.

**24.** Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li, l-fatt li l-artikolu *de quo* ma jimponix obbligu li fl-avviz tas-smigh tal-appell ikun hemm miktuba d-drittijiet tieghu naxxenti mill-istess artikolu, ma jrendihx inkompatibbli mad-dritt ta' smigh xieraq tal-appellant, fl-ewwel lok, ghax *injorantia legis non excusat*, u fit-tieni lok, u b'izjed qawwa, huwa obbligu u fl-interess ta' min jircievi att gudizzjarju li, jekk ma jkunx intiz fil-ligi, jirrikorri ghand avukat sabiex jispjegalu d-drittijiet tieghu u jiggwidah tul il-proceduri. Dan certament mhux prekluz mill-Artikolu 422 [1] li, kif fuq gja` indikat, jaghti opportunita` ohra lill-appellant li, ghalkemm debitament notifikat, ikun naqas li jidher fis-seduta tas-smigh tal-appell tieghu. Jekk l-appellant jorqod fuq id-drittijiet tieghu, u meta jircievi att gudizzjarju jibqa' passiv sforz it-traskuragni jew non kuranza tieghu, allura *imputet sibi*, u ma jistax jippretendi li, f'dawn ic-cirkostanzi, jirrikorri b'success ghar-rimedju straordinarju, b'tentattiv li jissana l-mankanzi tieghu, meta hu kien gie jaqa' u jqum, bhal fil-kaz prezenti, bir-rizultat li naqas milli juzufruwixxi mir-rimedju ordinarju mahsub fl-artikolu precitat.

**25.** Ferm il-premess, il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina l-fatti tal-kaz fid-dawl tal-principji legali u osservazzjonijiet guridici fuq esposti.

**26.** Mill-provi jirrizulta li, ghalkemm ir-rikorrent kien ircieva l-avviz tas-smigh tal-appell fil-15 ta' Mejju, u ghalhekk tmient [8] ijiem qabel id-data tas-smigh fit-23 ta' Mejju, huwa naqas milli jikkuntattja lill-avukat tieghu, izda

mar il-qorti bl-isperanza li jsibu hemm. Wara li ma sabux, u wara li lanqas irnexxielu jikkuntattjah bit-telefon, huwa hass li kellu jitlaq minghajr ma vverifika x’kien ser jigri mill-kaz tieghu. Jghid li ma kienx hemm indikat l-isem tal-Imhallef li quddiemu kellu jinstema’ l-appell u ghalhekk ma kienx jaf fejn kellu jmur, izda din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, tosserva li r-rikorrent ma hassx li kellu jinforma ruhu dwar in-notifika li kien ircieva billi almenu jottjeni l-informazzjoni minn fejn ir-*reception desk* li hemm hekk kif tidhol fl-edifizju tal-Qorti. Ghal dan ir-rikorrent kien indifferenti, gie jaqa’ u jqum, u telaq barra.

**27.** Izda t-traskuragni tar-rikorrent u n-non-kuranza tieghu ma waqfitx hemm. Huwa ma hassx li, almenu dakinhar, jew ftit jiem wara, jkellem lill-avukat tieghu biex jivverifika x’gara u x’kienet il-pozizzjoni legali tieghu f’dawk ic-cirkostanzi. Ghal darba ohra baqa’ indifferenti ghall-proceduri kriminali li fihom kellu jinstema’ l-appell maghmul minnu, u baqa’ m’ghamel xejn sakemm, tnax (12)-il jum wara, u cioe` fil-5 ta’ Gunju 2012 huwa kien gie nformat li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta’ Ottubru 2011 kienet saret definittiva. Kien hawn li r-rikorrent donnu stenbah, ghax naturalment kien ser ikollu jibda jiskonta piena ta’ prigunerija, u kellem lill-avukat tieghu bir-rizultat li fit-8 ta’ Gunju 2012 ipprezenta r-rikors fuq indikat, bl-imsemmija dikjarazzjoni guramentata annessa mieghu.

**28.** Kif fuq gja` osservat, kien l-obbligu tar-rikorrent li jsegwi l-proceduri kriminali, istitwiti minnu, quddiem l-Qorti tal-Appell Kriminali, u kien id-dritt tieghu u kellu l-opportunita` kollha sabiex jgharraf minnufih lill-avukat tieghu bid-data tas-smigh tal-appell, kellu wkoll l-opportunita` li meta l-appell tieghu mar dezert f’dik id-data huwa jkellem lill-avukat tieghu sabiex jassistih legalment, izda huwa baqa’ totalment indifferenti ghal dan kollu u baqa’ ma ghamel xejn sakemm gie informat li kellu jibda jiskonta l-piena ta’ prigunerija. Dan il-komportament tar-rikorrent, bl-ebda mod, jew bl-ebda sforz tal-immaginazzjoni, ma jista’ jitqies bhala konformi mal-obbligu tieghu “*to display special diligence in the defence*

*of his interests"*[4] u certament, b'referenza ghall-bran citat mir-rikorrent u fuq indikat[5], ma jistax iressaq b'success il-massima tal-*impossibilia nemo tenetur*.

**29.** Ghaldaqstant l-aggravju mhuwiex gustifikat u ser jigi michud.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Inoltre, billi l-Qorti hija tal-fehema li l-appell huwa wiehed fieragh, u wara li rat il-para. 10[1] tat-Tariffa A mehmuza mal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, tikkundanna lill-istess rikorrent ihallas lir-registratur spejjez addizzjonali ta' sitt mitt euro (€600).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] Supra
[5] Para.11